MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 728/2002/1

**Jupiter Co. Limited**

**vs**

**Paul John Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, mitejn u lira Maltin (Lm1,201.00) rappresentanti kambjala li mmaturat fil-15 ta' Novembru 1997 (Dok. 'A'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri onarji tat-18 ta' Lulju 2001, tat-2 ta' Awissu 2001 u tal-ittra ufficjali ta' Settembru 2001 u bl-ispejjes tal-Mandat ta' qbid prezentat kontestwalmwnt mal-Avviz, kif ukoll bl-imghax legali mill-15 ta' Novembru 1997 sad-data tal-eventwali hlas kontra l-konvenut.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fejn eccepixxa li l-kambjala m'hijiex valida stante li nharget b'qerq u

ghalhekk il-kunsens tal-konvenut huwa vizzjat u l-ammont mitlub m'huwiex dovut.

Ra d-digriet tat-13 ta' Jannar 2003 fejn it-Tribunal iprefiga terminu ta' xahar lill-konvenut sabiex jintavola proceduri quddiem il-Qorti kompetenti rigwardanti l-azzjoni minnu propsta fir-risposta.

Ra li dan it-terminu ghadda inutilment stante li l-konvenut naqas milli jipprezenta l-imsemmija azzjoni. Ai termini tal-imsemmi digriet tat-13 ta' Jannar 2003 Tribunal sejjer issa jghaddi iex jiddeciedi dwar it-talbiet attrici minghajr ma jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Veronica Gauci, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u lira Maltin (Lm1,201.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru 2001 u l-ispejjes tal-Mandat ta' qbid prezentat kontestwalmwnt mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------